MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 266/2008

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Avviz Nru 266/2008 FDP**

**Fl-ismijiet:**

**Dr Christopher Gatt (433866M) u Dr Patrizia Mallia (70078M)**

**vs**

**Doris Abela (28648M)**

**Il-Qorti**

Rat l-avviz tar-rikorrrenti fejn talbu lill-Qorti tghid ghaliex m'ghandhiex l-intimata tigi kkundannata thallas is-somma komplessiva ta' **ghaxar t’elef, tlett mija u tlieta u disghin Euro u dsatax-il centezmu (€10,393.19)** ekwivalenti ghal erba’ t’elef, erbgha mija u wiehed u sittin Liri Maltin u tmenin centezmu (Lm4,461.80), ammont dovut lill-istess mittenti in konnessjoni mas-servizzi notarili u cioe' publikazzjoni ta' kuntratt ta' dikjarazzjoni dwar trasmissjoni causa mortis tat-23 ta' Jannar 2007 skond diversi fatturi mibghuta lilha, konsistenti fl-ammont ta' **tmien t’elef, tlett mija u wiehed u tletin euro u sebghin centezmu (€ 8,331.70)** ekwivalenti ghal tlett t’elef hames mija u sitta u sebghin Liri Maltin u tmenin centezmu (Lm3,576.80) ghal servizzi notarili u **elfejn u wiehed sittin Euro u hamsin centezmu (€2,061.50)** ekwivalenti ghal tmien mija u hamsa u tmenin Liri Maltin (Lm885) rapprezentanti drittijiet u spejjez ta' konsulenza skond fattura li ghandha n-numru 20224525 tas-26 ta' Marzu 2007 mahruga mid-Ditta KPMG u skond skrittura privata tat 23 ta' Jannar 2007.

Bl-ispejjez u drittijiet tal-prezenti, ta’ l-ittra legali tal-25 ta' Settembru 2007, ta’ l-ittri gudizzjarji tal-21 ta' Jannar 2007 u ta’ l-4 ta' April 2008, tal-Mandat ta' Sekwestru li qieghed jigi pprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors, tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta mid-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors, li minn issa huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-imharrka Doris Abela illi laqghet ghal tali talbiet billi eccepiet:-

1. Illi l-eccipjenti m’ ghandha ebda relazzjoni guridika ma' l-attrici Dr Patricia Mallia ghaliex l-uniku nkarigu li nghata minnha kien biss lill-attur Dr Christopher Gatt.

2. Illi, sussidjarjament u bla pregudizzju, l-atturi jridu jippruvaw kif waslu ghall-ammont li qed jitolbu fl-Avviz u jekk tali ammont jidholx fil-parametri tat-tariffi stabbili fil-Kap 55 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi fi kwalunkwe kaz, l-atturi zgur m'humiex intitolati ghall-ammont talvolta dovut skond it-tariffi fuq imsemmija peress li ghamlu zbalji u kienu negligenti fis-servizzi li rrendew u  minhabba f'hekk l-esponenti soffriet dann kif jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat l-affidavit ta' Dr Christopher Gatt u ta' Dr Patrizia Malliaypprezentati fl-10 ta' Dicembru 2008 a fol 13 u 15 tal-process.

Rat l-affidavit addizzjonali ta' Dr Patrizia Mallia ipprezentat fl-24 ta' Frar 2009 a fol 72 tal-process.

Rat ix-xhieda viva voce ta' Dr Patrizia Mallia illi saret fit-13 ta' Ottubru 2009.

Rat ix-xhieda viva voce ta' Doris Abela illi saret fis-6 ta' Ottubru 2010.

Rat ix-xhieda in kontro ezami ta' Christopher Gatt illi saret fil-11 ta' Novembru 2011 kif ukoll fis-27 ta' Jannar 2012.

Rat ix-xhieda in kontro ezami ta' Patrizia Mallia illi saret fis-27 ta' Jannar 2012.

Rat illi fis-27 ta' Jannar 2012 il-kawza giet differita ghas-sentenza bil-fakolta' tan-noti.

Rat illi fis-16 ta' Marzu 2012 giet ipprezentata in-nota ta' sottomissjonijiet ta’ l-intimata.

**Fatti**

Skond il-provi prodotti mill-partijiet jirrizulta illi l-intimata, kien mietilha r-ragel, Alfred Abela, u ftit wara l-mewt tieghu kienet marret ghand in-Nutar Christopher Gatt, li kien ghamel it-testment taghhom, sabiex johdilha hsieb il-process kollu tat-trasferimenti kollha mehtiega in vista tas-successjoni tar-ragel taghha.

Jirrizulta ili r-ragel taghha kellu kemm flejjes u propjeta f'ismu kif ukoll ishma f' zewg kumpanniji illi fiha huwa kien azzjonist. Kien ghalhekk illi n-Nutar kellu jiehu hsieb jaghmel ir-ricerki kollha necessarji fuq flejjes tar-ragel u fuq il-propjeta immobiljari, filwaqt illi l-intimata kellha tikkomunika ma’ l-Accountant taghha sabiex iggib valutazzjoni tal-ishma differenti illi kellu r-ragel taghha.

Ir-ricerki kollha necessarji waslu u l-Accountant ghadda il-valutazzjonijet ta’l-ishma relattivi. Apparti minn hekk, in-Nutar Gatt sab flejjes gewwa l-banek u ta' l-parir tieghu lill-Bank dwar kif tali flejjes ghandhom jigu disposti.

F' mument minnhom, izda, n-Nutar Gatt hass il-htiega illi igib parir legali fuq kwistjoni, u, ghal dan il-ghan, huwa qabbad is-servizzi ta' ditta ta' accountants, ossija KPMG - huwa kien infurma lill-intimat dwar tali htiega, izda qatt ma indikalha l-import ta' tali servizz.

Sussegwentement, jidher illi n-Nutar Gatt kien imhabbat bix-xoghol, u ghalhekk dahhal lin-Nutar Patrizia Mallia sabiex tghinu fil-process tas-sucessjoni. Huwa kien gharraf lill- intimata ta' dan, li, minkejja li wriet it-thassib taghha peress illi kienet qabdet lilu biex jaghmel kollox, hija ma kellhiex soluzzjoni ohra ghajr illi taccetta tali tibdil peress illi, kif qalilha n-Nutar Gatt, huwa kellu dritt idahhal lill min irid jahdem mieghu.

In-Nutar Mallia imbaghad hadet hsieb ili taghmel id-dikjarazzjoni causa mortis ta’l-immobbli kollu tad-defunt ragel ta’ l-intimata, kif ukoll id-dikjarazzjoni causa mortis tal-ishma taz-zewg kumpanniji u trasferimenti ohra.

Irrizulta, izda, li wara diversi xhur li l-kwistjoni kienet pendenti quddiem in-Nutar Mallia, saret id-dikjarazzjoni kawza mortis ta’ l-ishma taz-zewg kumpanniji fl-20 ta' Dicembru 2006 kif ukoll id-dikjarazzjoni kawza mortis tal-propjeta immobbli fit-23 ta' Jannar 2007. Madanakollu, dwar id-dikjarazzjoni tal-propjeta immobbli, l-intimata irrifjutat illi taccetta il-parir legali moghti mill-KPMG u, minnhabba f'hekk, l-istess Nutar Mallia gieghlet lill-intimata tiffirma dokument li ezentat lill-istess Nutar minn

kwalsiasi responsabbilta' peress illi l-intimata riedet timxi skond il-parir ta' l-accountant taghha u mhux skond il-parir tal-persuni imqabbda min-Nutar Gatt (vide fol 36).

Irrizulta wkoll, sussegwentement, illi id-dikjarazzjoni kawza mortis dwar l-ishma fiz-zewgt kumpanniji saret zbaljata, peress illi fl-istess dikjarazzjoni, n-Nutar Mallia indikat l-ammont ta' ishma li kellu d-defunt Alfred Abela f'ammont doppju minn dak illi attwalment kellu, bir-rizultat illi, meta hadmet in-numru ta' ismha illi kienu ser jigu trasferiti lill-intimata, ossija nofs dak li kellu r-ragel, hija allura indikat d-doppju ta' dak illi attwalment kellu jigi trasferit (vide fol 28). Bhala rizultat ta' dan, thallset taxxa d-doppju ta' dak li kien attwalment dovut.

L-intimata, meta rat hekk, marret ghand in-Nutar Mallia biex tipprotesta dwar l-izbalji li saru, izda baqa' ma gara xejn. Sussegwentement, wara li n-Nutar Gatt baghat il-kont originali tieghu fit-30 ta' April 2007, huwa reggha baghat kont iehor, din id-darba rivedut u kien naqqas diversi partijiet tieghu, liema kont intbaghat fit-12 ta' Novembru 2007. L-intimata baqghet tirrifjuta illi thallas qabel ma jigu rrangati l-izbalji u eventwalment r-rikorrenti ghamlilha Mandat ta' Sekwestru u fetah il-kawza odjerna.

L-izball fin-numru ta' l-ishma trasferiti eventwalment gie korrett fit-28 ta' Settembru 2010 permezz ta dikjarazzjoni ohra illi saret minn Nutar iehor, ossija in-Nutar Anton Borg (fol 109-110).

**Ikkunsidrat**

Ir-rikorrenti qed jishqu illi l-kont minnhom pretiz huwa attwalment dovut peress illi jirrelata ghall-ispejjez minnhom inkorsi u drittijiet lilhom dovuti u sahqu illi huwa rriducew il-kont peress illi l-intimata ma kienetx f'pusizzjoni illi thallas kollox.

L-intimata, minn naha taghha, tinsisti illi l-kont kollu kif mitlub m' huwiex dovut, kemm minhabba fl-izbalji illi saru kif ukoll minhabba fit-thabit kbir illi tali zbalji wasslu peress illi kellha problemi biex jigu lilha rifuzi dak imhallas zejjed.

Infatti, skond l-intimata, fis-sottomissjonjiet taghha, r-rikorrenti m’ghandhomx jithallsu aktar minn disgha mija u wiehed u hamsin Liri Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm951.98), ossija elfejn, mitejn u tmintax-il Euro (€2,218).

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta ampjament ippruvat illi l-intimata qabdet lin-Nutar Christopher Gatt sabiex jassistiha fid-dokumentazzjoni kollha relatata mas-successjoni tar-ragel taghha u halliet l-affarijiet kollha f'idejh.

Jirrizulta ampjament ippruvat ukoll illi n-Nutar Christopher Gatt qabbad lin-Nutar Patrizia Mallia sabiex tassistieh fl-iffinalizzar tad-dokumentazzjoni kollha, haga li huwa kellu kull dritt illi jaghmel izda, li bhala rizultat, huwa responsabbli ghall-azzjonijiet taghha. Madanakollu, l-intimata kellha relazzjoni professjonali maghha peress illi marret l-ufficini taghha u kkomunikat maghha regolarment.

Jirrizulta ampjament ippruvat illi d-dikjarazzjoni kawza mortis illi saret in rigward l-ishma tas-socjeta CAEJA (Abela) Bros Ltd u tas-socjeta Central Cement Ltd kif redatta u kompluta min-Nutar Patrizia Mallia kienet skorretta bir-rizultat illi l-intimata Borg soffriet konsegwenzi kemm finanzjarji kif ukoll kellha tqabbad is-servizzi ta' avukat u ta' accountant sabiex eventwalment jintraddilha lura dak li hallset zejjed, jigifieri disa’ t’elef, disgha mija u tnejn u sittin euro u tlieta u sebghin centemzu (€9,962.73), u dana biss wara li Nutar iehor, u mhux ir-rikorrent, ghamel att korrettorju sabiex jigi indikat kemm attwalment kellhom jigu trasferiti lill-intimata ishma, peress illi r-rikorrenti ma ghamlu ebda att korrettorju wara l-izball li ghamlu.

Jirrizulta illi l-izball kien fis-sens illi, ghalkemm l-accountant ta’ l-intimata ghadda zewg 'Form T' lir-rikorrenti illi fih kien hemm indikat illi Alfred Abela kellu mija u hamsa u ghoxrin (125) ishma fil-kumpannija CAEJA (Abela) Bros Ltd flimkien ma' disgha mija u

ghoxrin (920) ishma 'D' u seba’ t’elef u tmenin (7080) ishma 'E' fil-kumpannija Central Cement Limited (fol 102 u 103), n-Nutar Mallia, fid-dikjarazzjoni kawza mortis taghha, indikat in-numru ta' ishma li kellu Alfred Abela fl-ammont ta' mitejn u hamsin (250) ghal dak li jirrigwarda il-kumpannija CAEJA (Abela) Bros Limited u fl-ammont ta' elf tmien mija u erbghin (1840) u erbatax-il elf, mija u sittin (14,160) ishma tat-tip 'D' u 'E' rispettivament fil-kumpannija Central Cement Limited. Bhala rizultat, minflok gie dikjarat illi l-intimata kienet qieghda tiret kawza mortis tlieta u sittin (63) ishma fil-kumpannija CAEJA (Abela) Bros Ltd flimkien ma'  erbgha mija u sittin (460) u tlett t’elef hames mija u erbghin (3540) ishma tat-tip 'D' u 'E' fil-kumpannija Central Cement Limited, n-Nutar Mallia indikat id-doppju.

Jirrizulta mill-kontijiet prezentati, li l-kont relatat ma' tali kuntratt ammonta ghal elf u hamsa u sebghin Liri Maltin (Lm1,075) u elf u erbgha u hamsin Liri Maltin (Lm1,054) rispettivament ghal dikjarazzjoni kawza mortis ta' CAEJA (Abela) Bros Limited u Central Cement Ltd rispettivament. Dana il-kont sussegwentement gie ridott ghall-tmien mija u sebgha u tmenin Liri Maltin u sbatax-il centezmu (Lm887.17), ossija elfejn u sebgha u sittin Euro u hdax-il centezmu (€2067.11) u ghal tmien mija u sitta u sittin Liri Maltin u sbatax-il centezmu (Lm866.17) ossija elfejn u tmintax-il euro u tmintax-il centezmu (€2,018.18), rispettivament, ossija il-kont totali ta' dawn iz-zewg servizzi ammonta ghal erbgha t’elef, u hamsa u tmenin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€4,085.29).

Il-Qorti ma tistax ma tasalx ghall-konkluzjoni illi, la darba dana x-xoghol sar hazin, ir-rikorrenti ma ghandhomx dritt ghas-servizzi minnhom rezi, peress illi ghamlu servizzi hazin, ghal liema servizz huma ma ghamlu ebda tentattiv sabiex jirrangaw is-sitwazzjoni, izda kull ma ghamlu huwa li naqqsu il-kont taghhom bi ftit.

Jirrizulta wkoll illi, f'mument minnhom, in-Nutar Gatt, fil-kwalita' tieghu ta' Nutar, hass illi kellu bzonn parir legali fuq punt li tirrigwarda jekk ghandhux jigi imnizzel fid-dikjarazzjoni kawza mortis sehem ta' porzjon indiviz ta'

propjeta illi kellu r-ragel ta’ l-intimata gewwa il-Gudja. Kien ghalhekk illi l-istess nutar, wara li kellem lill-intimat dwar dan id-dubju illi kellu, ghazel illi jiehu parir legali u, ghal dan il-ghan, huwa qabbad ditta ta' accountants sabiex jinghata tali parir legali.

Il-Qorti, f'dana l-istadju, ma tistax ma tiddikjarax id-disapprovazzjoni shiha taghha lejn id-decizjoni tar-rikorrenti illi jirrikorru ghand ditta ta' Accountants sabiex jinghataw parir legali fuq kwistjoni strettament legali. Huwa biss Avukat illi jista jaghti parir legali, u dana fil-kwalita' personali tieghu, u tali Avukat huwa responsabbli ghall-parir legali illi huwa jaghti. Ebda entita' ohra ma tista taghti pariri legali, u certament ebda entita' ta' Accoutants ma tista taghti tali pariri, u dana r-rikorrenti messhom kienu ben a korrent ta' dan.

Jirrizulta wkoll illi tali parir legali ottjenuta minn entita' illi ma ghandhiex dritt illi taghti pariri legali ma kienx accettat mill-intimata, peress illi kien imur kontra parir iehor illi inghatalha. Ir-rikorrenti, minflok ma adoperaw id-dritt taghhom illi jikkunsidraw kwistjonijiet legali, haga illi huma kienu gew struiti sabiex jaghmlu meta attendew l-Universita', gieghlu lill-intimata tiffirma skrittura redatta sabiex tiskulpa lilhom minn kwalsiasi responsabbilta' jekk id-decizjoni mehudha mill-intimata kienet wahda skorretta.

Jirrizulta wkoll illi meta r-rikorrenti infurmaw lill-intimata li kellhom bzonn parir legali, huma ma gharrfuhiex ta’ l-ispiza illi kienet tinvolvi, liema spiza lahqet is-somma straordinarja ta' tmien mija u hamsa u tmenin Liri Maltin (Lm885), ossija elfejn u wiehed u sittin euro u hamsin centezmu (€2,061.50).

Il-Qorti, tenut kont tal-fatt illi n-Nutar, li huwa mghallem fil-Ligi, ghazel illi jitlob parir legali minn terza persuna, illi lanqas ma hija intitolata taghti parir legali, u dan peress illi n-Nutar ma kienx f'pusizzjoni illi jaghti l-parir hu, ma tistax ma tasalx ghall-konkluzzjoni illi la darba r-rikorrenti qabbdu lill xi hadd sabiex jaghmel dak li kienux kapaci jaghmlu, allura huma r-rikorrenti illi ghandhom ibaghtu l-ispejjez taghhom.

**Ikkunsidrat**

Illi skond il-kont redatt mir-rikorrenti u gia esebit bhala Dok C a fol 18 sa 20 tal-process, liema kont, wara li gie verifikat matematikament mill-Qorti wkoll, juri illi ghas-servizzi rezi minnhom, huma kienu qed jitolbu l-hlas ta' ghaxar t'elef, tlett mija u tlieta u disghin Euro, u dsatax-il centezmu (€10,393.19).

Illi, kif irrilevat aktar il-fuq il-Qorti, il-kont relattiv ghad-dikjarazzjoni kawza mortis ta' l-ishma tal-kumpanniji kif ukoll il-kont relattiv ghal-parir legali tad-ditta ta' Accountants KPMG ghandu jibqa a karigu tar-rikorrenti, ghar-ragunijiet fuq indikati.

Illi dana iffisser, li l-kont tar-rikorrenti ghandu jonqos bl-ammont ta' erba' t'elef u hamsa u tmenin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€4,085.29) u elfejn wiehed u sittin Euro u hamsin centezmu (€2,061.50) ghas-servizzi fuq imsemmija rispettivament, ossija total ta' sitt t'elef mija u sitta u erbghin Euro, u disgha u sebghin centezmu (€6,146.79).

Wara illi jitnaqqas l-ammont fuq indikat mill-ammont globali tal-kont redatt mir-rikorrenti, jibqa bilanc ta' erba' t'elef, mitejn u sitta u erbghin Euro u erbghin centezmu (€4,246.40).

Il-Qorti, filwaqt illi tara illi xorta wahda jista jkun hemm xi konteggi illi huma ezorbitanti meta wiehed iqis ix-xoghol illi jkun sar, u dana qieghed jinghad riferibbilment mal-parir moghti lill-Bank of Valletta plc, ma hijiex ser tkompli tissindika f'tali konteggi peress illi, a differenza tal-kontijiet l-ohra, fejn jidher in-nuqqas lampanti da' parte tar-rikorrenti, fil-kontijiet l-ohra, jidher illi r-rikorrenti ghamlu xoghol u l-intimata ibbenefikat minnhom, u ghalhekk ma jkunx korrett ghall-Qorti illi tissindika kontijiet ta' servizzi illi bbenefikat minnhom l-intimata.

**Konkluzjoni**

**Il-Qorti**

Wara illi rat il-provi kollha prodotti.

Wara illi qieset il-fatti kollha tal-kaz.

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi billi, filwaqt illi tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjoni ta’ l-intimata, tilqa’ t-tielet eccezzjoni limitatament u dana fis-sens illi l-kont dovut lir-rikorrenti ser jigi rivedut, u ghalhekk

Tilqa t-talba rikorrenti limitatament fis-sens illi l-ammont dovut mill-intimata ghandu jkun ta' erba’ t’elef, mitejn u sitta u erbghin Euro u erbghin centezmu (€4,246.40) u ghalhekk, il-Qorti qieghda tikkundanna lill-istess intimata thallas l-ammont ta' erba’ t’elef, mitejn u sitta u erbghin Euro u erbghin centezmu (€4,246.40) ghas-servizzi kollha resi lilha mir-rikorrenti kif indikati fl-avviz.

L-imghax ghandu jiddekorri mid-data tas-sentenza.

Kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------